MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Numru. 322/2008

**Il-Pulizija**

**Spettur Keith Arnaud**

**VS**

**Josemar Borg, iben Joseph Mary u Maria Rosaria nee' McKay, imwieled Tal Pieta' nhar it-18 ta' Lulju, 1986, residenti fil-fond Padre Pio, Triq Francis X Attard, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' numru 343286M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Josemar Borg**, li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-5 ta' Marzu, 2008 u l-20 ta' Marzu, 2008, xjentement xtara jew laqa' ghandu oggetti misruqa, li l-valur taghhom huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal jew ibieghhom jew imexxiehom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

F'dan ir-rigward rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali.

Rat illi l-fatti specie ta' din il-kawza jitrattaw dwar serq ta' zewg crieket tad-djamanti, stamti minn Sterling Jewellers, dak solitaire ghall-valur ta' seba' mija u hmistax-il Ewro (€715), u dak trilogy ghall-valur ta' elf disa' mija u hamsin Ewro (€1,950) – dan kif ikkonferma l-istess rapprezentant tal-gojjellerija Joseph Attard, illi ezebixxa wkoill l-istima taghom bhala Dok JA, folio 41.

Rat u semghet illi tali serq gie maghmul minn certu **Neville Cassar**, li ttella' bhala xhud tal-Prosekuzzjoni wara li l-kawza tieghu relatata giet deciza.

Qal dan **Neville Cassar**, illi hu kien seraq zewg crieket mill-hanut Sterling. Biegh wiehed minnhom, xehed illi bieghu lil wiehed fil-Gzira, x'imkien fejn il-Maxims, hanut tad-detergenti. Indika li bieghu lill-imputat u li bieghhulu ghall-prezz ta' mitejn u hamsin Ewro (€250). Dan qal illi ghamlu biex imantni l-vizzju tieghu tad-droga.

Mistoqsi jekk l-imputat kinx staqsieh dwar ic-curkett li kien qieghed jixtri, wiegeb dan Cassar hekk "*Le, kull ma staqsieni jekk inix sejjer zball, jekk hux misruq jew hekk, u ghidtlu le.*" (folio 32).

Minn naha tieghu, **l-Ispettur Keith Arnaud** li nvestiga din is-serqa, wasal anke minn tali nvestigazzjoni ghall-imputat darba li gie ndikat lilu l-hanut tad-detergents tal-Gzira. Ghalhekk huwa kellem lill-imputat u jghid li anke hadlu stqarrija li hu ezebixxa bhala Dok JB (folio 13). Irrizultalu minn tali

nvestigazzjoni li dan Josemar Borg - l-imputat, kien ghadda c-curkett lil certu Malron Zarb.

Issa jigi premess f'dan l-istadju, illi din l-istqarrija ttiehdet fl-20 ta' Marzu, 2008, allura verament bil-kawtela li kienet tipprovdi l-Ligi f'dak iz-zmien, pero mhux allura tad-dritt tal-assistenza legali. Varji kienu d-decizjonijiet li nghataw mill-Qrati taghna dwar l-ammissiblita' ta' tali stqarrijiet. Din il-Qorti gia' kellha varji okkazjonijiet tghid illi Hi zzomm ferm ma' dak stabbilit fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charles Stevens Muscat" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali, deciza nhar il-15 ta' Ottubru 2012; kif ukoll il-principji stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fid-decizjonijiet fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Cutajar" deciza nhar it-18 ta' Gunju, 2013; u f'dik fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Robert Busuttil" deciza nhar l-20 ta' Frar, 2014.

Illi b'hekk, il-Qorti harset lejn l-eta' ta' Josemar Borg fiz-zmien tat-tehid tal-istqarrija – wiehed u ghoxrin (21) sena;

Qieset ukoll jekk din l-istqarrija kinitx prova isolata tal-akkudut jew kinx hemm provi ohra li jikkorraboraw l-allegat.

Tqis ghalhekk, a bazi ta' dawn il-fatturi, illi certament tal-eta' ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, l-imputat ma kinx vulnerabbli. Oltre dan, tressqu provi ohra li jistghu jikkorraboraw dak allegat – isegwi li tqis l-istqarrija tal-imputat bhala wahda ammissibbli.

Fl-istess stqarrija qal illi hu kien jahdem fil-hanut RDJ Discount Store. Ikkonferma li hu kien gie avvicinat minn persuna biex jixtri xi curkett tad-deheb bid-djamanti. Qal illi hu ma qghadx jistaqsieh jekk dan kinx misruq jew le. Qal illi din il-persuna ma qaghditx tisfurzah, lanqas ma qaltlu li c-curkett kien misruq. Zied illi nnegozjaw il-prezz ta' tliet mija u hamsin Ewro (€350).

Qal illi hu ma ra xejn suspettuz li xi hadd mit-triq avvicinah biex jixtri curkett tad-djamanti, ghax hu gieli kein biegh xi curkett tieghu hekk. Zied ukoll illi hu gharaf li kien curkett tad-djamanti ghax iddistingwieh minn curkett li kellu biz-zirkoni. Qal illi hu kien ta c-curkett lil hu l-gharus ta' ohtu – certu Marlon, biex ibieghhulu u jaqla' l-flus minn fuqu.

Dwar il-bejgh tac-curkett tieghu, qal illi hu tieghu kien biegh wiehed biss.

Minn naha tieghu **Marlon Zarb**, xhud mitlub mid-Difiza li ttella' jixhed wara diversi drabi li kien mitlub, ikkonferma li Josemar Borg kien cempillu biex ibieghlu curkett, anzi hu jitkellem fuq bejgh ta' crieket. Dan ix-xhud qal illi Borg kien qallu li kien xtara zewg (2) crieket. Qal illi tilifhom, pero xorta kien tah is-somma ta' mitejn u tletin Ewro (€230). Zied dwar dan Borg, illi kien jixtri d-deheb, li kien delettant tieghu.

Ikkunsidrat, wara li semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet, illi r-reat li gie addebitat bih Josemar Borg huwa dak misjub taht l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqra:

"

*334. Kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinsab ħati –*

a. *jekk il-ħaġa tkun ġejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-ħaġa* "

Fil-konfront tar-reat in dezamina, il-Qorti ser taghmel referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fit-23 ta' Ottubru, 2002, fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima", deciza mill-Prim Imhallef Dr Vincent DeGaetano fejn iccita l-gurista Francesco Antolisei:

"

*Porche oggetto materiale della ricettazione devono essero denaro o, in genere, cose di provenienza criminoso, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe', che un altro reato sia stato commesso in precedenza ….Naturalmente il delitto anteriore deve essere effettivamente avvenuto : se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore delle cose che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che esse proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa, e, quindi non punibile. Per iniziare, il provvedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato ……(ma) la condanna per ricettazione non puo aver luogo, se prima non e' stato riconosciuto esistente, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Dove*

*si tratta di delitto proseguibile rileva la mancata presentazione della querela, perche questa e' una semplice condizione di procediblita'. Del pari, la ricettazione puo sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita' o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena .....Infine, la ricettazione non viene meno neppure* quando *il delitto, che ne' ..... il presupposto, sia estinto." (Antolise F Manuele di Diritto Penale – Parte Speciale 1 Giofre' (Milano) 1986 pp 358, 359).*

*Fi kliem iehor, il-Prosekuzzjoni kellha tipprova bhala fatt illi oggetti mertu tal-ewwel imputazzjoni .....kienu jew insterqu, jew gew akkwistati b'qerq jew altrimenti kontra l-Ligi* ***<u>minn xi hadd iehor</u>*** *qabel ma dawn gew fl-idejn l-appellant." (allura r-ricettatur)*

*"Kellha tipprova wkoll – u dan issa ghar-rigward l-element* ***<u>formali</u>*** *tar-reat – li Grima kien konsapevoli tal-provenjenza llecita taz-zewg vetturi.*"

Mela mill-provi migjuba jirrizulta li certament ic-crieket kienu misruqa, dan xehdu l-istess awtur tas-serq. Trid kif hawn fuq spjegat il-Ligi, l-element formali tar-reat u cioe' x-xjenza li l-awtur tar-ricettazzjoni kellu fil-konfront tal-oggett, u cioe' li l-provenjenza tieghu kien is-serq, dan biex jissusisti dan ir-reat. Allura l-Prosekuzzjoni kien jehtigilha - biex jigi sodisfatt dan l-element, illi mhux biss jigi ppruvat illi c-crieket kienu gejjin mis-serq, pero li Borg kien jaf b'dan, kellu x-xjenza tal-provenjenza taghhom.

Neville Cassar fix-xhieda tieghu jghid illi ghalkemm Borg staqsieh jekk ic-crieket kinux provenjenti mis-serq, wiegbu fin-negattiv. Pero tirraguna u tghid din il-Qorti, bniedem li kien jifhem fid-deheb ghax delettant tieghu, bniedem illi anke gharaf djamant minn zirkona, ma ghokritux ghajnejh li l-prezz li bih giet negozjata din il-gojjellerija, kien baxx wisq. Oltre dan, certament u zgur illi huwa ferm insolitu li crieket tad-djamanti jinbieghu fi hwienet tad-detergents. Dawn il-fatturi kollha mehuda flimkien, iwasslu lill-Qorti ghal konkluzjoni wahda - u cioe' li Josemar Borg bil-fors kien jaf li l-provenjenza taghhom kienet mhux biss dubbjuza imma llecita!

Ghaldaqstant din il-Qorti, issib lil Josemar Borg hati tar-reat ta' ricettazzjoni, u dan wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll il-fedina penali tal-imputat; ikkonsidrat illi kienet mittiefsa b'R&A, u ghalhekk qieghda, anke minhabba l-eta' tieghu,

tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax(18)-il xahar sospizi ghal tlitt(3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lil Josemar Borg il-konsegwenzi ta' ksur ta' sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------